MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tal-21 ta' Jannar, 2011

Numru 201/2011

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR IAN JOSEPH ABDILLA**
**SPETTUR CARLOS CORDINA**
**KONTRA**

**GAETAN GATT**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Gaetan Gatt ta' 39 sena, bin Lawrence u Rosaria nee' Zammit, mwieled Pieta' nhar id- 29 ta' Ottubru 1971, residenti f' Numru 66, Triq Isouard, Marsa u detentur tal-Karta tal- Identita' bin- numru 5372M;

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli:

1) F’ Jannar 2011 u fix- xhur ta’ qabel, f’ dawn il-Gzejjer, b’ diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l- istess disposizzjoni tal- Ligi u li gew maghmula b’ risoluzzjoni wahda, b’ mezzi kontra l- Ligi jew billi ghamel uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki folo, jew billi nqeda b’ qerq iehor, ingann jew billi wera haga b’ ohra sabiex igieghel jitwemmen l- ezistenza ta’ intrapizi folox, jew ta’ hila jew setgha fuq haddiehor jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza’ dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh b’ qerq ta’ aktar minn €2, 329.37 ghad- dannu ta’ Anthony Vella, Josephine Vella u tal- kumpanija Eximus Services Limited (C48905);

2) Talli f’ Jannar 2011, u fix- xhur ta’ qabel f’ dawn il- Gzejjer, b’ mezzi kontra l- Ligi jew billi ghamel uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi qneda b’ qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b’ ohra sabiex igieghel jitwemmen l- ezistenza ta’ intrapizi folox, jew ta’ hila jew setgha fuq haddiehor jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex inqanqal tama jew biza’ dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh b’ qerq ta’ €670, ghad- dannu ta’ Joseph Micallef u tal- istabbiliment Gun & Cycle Suppliers tar-Rabat;

3) U aktar talli f’ Jannar 2011, fix- xhur ta’ qabel f’ dawn il- Gzejjer, b’ mezzi kontra l- Ligi jew billi ghamel uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi qneda b’ qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b’ ohra sabiex igieghel jitwemmen l- ezistenza ta’ intrapizi folox jew ta’ hila jew setgha fuq haddiehor jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza’ dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh b’ qerq ta’ €400 ghad- dannu tal- Bank of Valletta plc.;

4) Aktar talli f’ Jannar 2011, u fix- xhur ta’ qabel, f’ dawn il- Gzejjer, ghamel falsifikazzjoni f’ att awtentiku u

pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jwe ta' bank privat, b' falsifikazzjoni jew b' tibdil fl- iskrittura jew fil- firem, u cioe' hekk cekk tal- Bank of Valletta plc., li jippartjeni lil Eximus Services Ltd, billi halaq pattijiet, disposizzjonijiet, jew obbligi foloz jew helsien falz minn oblligi, jew billi dahhal skritturi wara li jkunu gew iffurmati, nkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawn l- atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw, kif ukoll talli xjentement ghamel uzu mill- istess att, kitba jew skrittura falza;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xiehda prodotti;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri f'dawn il-proceduri, li giet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skond il-ligi sabiex jikkonsidra sew din l-ammissjoni.

Rat illi, ai termini tad-disposizzjonijiett al-Artikolu 392A tal-Kap 9, bl-ammissjoni tal-imputat, din il-Qorti giet hekk ikkonvertita minn wahda Struttorja ghal wahda ta' Gudikatura Kriminali, u ghalhekk il-Qorti setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza;

**Ikkunsidrat:**

Il-fatti li taw lok ghal din il-kawza kienu s-segwenti. L-imputat kien irnexxielu jinghata kwantita' ta' merkanzija minghajr hlas minn sid is-socjeta' Eximus Services, konsistenti fi kwantita' konsiderevoli ta' gugarelli u oggetti ohra, bl-intiza li dawn jinbieghu f' bazaar tal-parrocca ghall-karita' u precizament ghall-valur ta' 'l fuq minn sbatax-il elf Ewro. Oltre dan irnexxielu wkoll jottjeni "cheque" ghal €400 minn ghand Eximus bhala suppost xi forma ta' "sponsorship", izda spicca' biex sarrfu hu stess,

u oltre dan ha ukoll is-somma ta’ €670 lil Joseph Micallef tal-Gun & Cycle, ir-Rabat.

In vista tal-fedina penali ghal kollox netta tal-imputat, u in vista tal-ammissjoni bikrija tieghu, il-Qorti sejra tikkundannah ghal perijodu ta’ prigunerija li, izda, ser tibqa’ sospiza salv li l-imputat jikkommetti reat iehor fiz-zmien operattiv taghha. Oltre dan, sejra torbot lill-imputat b’ ordni ghall-hlas lura u rifuzjoni tal-ammonti li hu ddefrawda lill-partijiet imsemmija, ai termini tal-Artikolu 28H tal-Kap 9.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 18, 308, 309, 310, 183 u 184 tal-Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta’ Malta;

Fuq ammissjoni din il- Qorti qed issib lill- imputat hati u ghaldaqstant tikkundannah sentejn prigunerija sospizi ghal erba’ (4) snin ai terminu tal- Artikolu 28A tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta’ Malta. Tordna hlas ta’ sbatax- il elf, hames mija u hmistax il- ewro u wiehed u ghoxrin centezmu (€17, 515.21) lil Eximus Services Ltd., erba’ mitt ewro (€400) lil Bank of Valletta plc u sitt mija u sebghin ewro (€670) lil Joseph Micallef.

Il- Qorti spjegat il- portata tas- sentenza lill- imputat.

Tordna li l-atti ta’ din il-kawza jintbaghtu lill-Avukat Generali fit-terminu skond il-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------